Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 50/2004/1

**Noel Grech**

**v.**

**Avukat Generali tar-Repubblika, Registratur tal-Qorti, u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet il-lamentela tar-rikorrent Noel Grech li fil-kors tal-proceduri kriminali kontra tieghu quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spetturi Raymond Aquilina u Alfred Mallia) v. Noel Grech* omissis** (appell nru 159/04) gie lez id-dritt tieghu ta’ “smigh xieraq” ossia “fair hearing” garantit bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza huma, bazikament, is-segwenti: Noel Grech (li allura kien ufficjal fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta’ Kuntistabbli) tressaq fid-19 ta’ Gunju 2004 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat (**i**) li ttraffika persuni ta’ l-eta` bil-ghan li dawn jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni (Artikoli 248B u 248A(2)(d) tal-Kodici Kriminali – piena, apparti kull zieda minhabba l-Artikolu 141 tal-imsemmi Kodici, minn sentejn sa disa’ snin), (**ii**) b’assocjazzjoni kontinwata fir-reat ta’ traffikar ta’ persuna ta’ l-eta` bil-ghan li tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni (Artikoli 18, 48A u 248B tal-Kodici Kriminali – piena, apparti kull zieda minhabba l-Artikolu 141 imsemmi, minn tlettax-il xahar sa disa’ snin), (**iii**) komplicita` kontinwata fiz-zamma jew ezercizzju ta’ burdell (Artikolu 8(1), Kap 63 u Artikoli 18 u 42 tal-Kodici Kriminali – piena, apparti kull zieda minhabba l-Artikolu 141 imsemmi, ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn erba’ snin, jew multa), (**iv**) li ghex ghal kollox jew in parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta’ persuna ohra, u dan bhala reat kontinwat (Artikolu 7(1), Kap. 63 u Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali – piena, apparti kull zieda minhabba l-Artikolu 141, ta’ prigunerija ghal mhux izjed minn erba’ snin), (**v**) korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku kontinwata fit-termini tal-Artikoli 18 u 115 tal-Kodici Kriminali[1], kif ukoll (**vi**) li wettaq dawn ir-reati meta bhala ufficjal jew impjegat pubbliku huwa kellu d-dmir li jissorvelja biex dawn ir-reati ma jsirux jew li minhabba l-

[1] Huwa difficli li wiehed jiddetermina l-piena ghal dan ir-reat, ghax l-imputazzjoni, kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, hija monka billi ma taghmel ebda referenza ghal ebda wiehed mill-paragrafi (a), (b) jew (c) tal-imsemmi Artikolu 115.

kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedihom – Artikoli 141 tal-Kodici Kriminali li jikkommina zieda ta' grad fil-piena, b'mod li allura l-minimu ta' sentejn prigunerija fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni jitla' ghal tliet snin. Flimkien ma' Grech tressqet ukoll persuna ohra akkuzata b'zewg reati, ukoll konnessi mal-prostituzzjoni, li pero` ma humiex ta' relevanza ghall-finijiet ta' din il-kawza kostituzzjonali.

3. Fl-istess gurnata li fiha tressaq akkuzat, cioe` fid-19 ta' Gunju 2004, wara li l-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-ko-akkuzat l-iehor, Grech, permezz tad-difensur tieghu, ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fil-kors ta' l-interrogatorju skond l-Artikolu 392, b'mod ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati rriteniet li saret kompetenti biex tghaddi ghas-sentenza in vista ta' dak li jiddisponu s-subartikoli (2) u (4) tal-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali, bl-applikazzjoni, ghal dak li jirrigwarda l-piena, ta' dak li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 370 tal-imsemmi Kodici[2].

4. Pero` s-sentenza ma nghatatx f'dik l-istess gurnata – 19 ta' Gunju 2004 – izda fil-15 ta' Lulju 2004. Il-Qorti tal-Magistrati – issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – ikkundannat lill-imsemmi Noel Grech (1) sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, (2) multa ta' mitejn lira fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u (3) interdizzjoni generali temporanja ta' hames snin. F'ebda stadju f'dik is-sentenza ma saret xi referenza jew accenn, dirett jew indirett, ghall-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li bih Qorti ta' Gustizzja Kriminali hija awtorizzata li tinzel taht il-minimu tal-piena stabbilita skond il-ligi.

5. L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza b'rikors presentat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-29 ta' Lulju 2004. Wara li fisser preliminarjament il-fatti li

[2] Din il-Qorti ma tahsibx li dik il-Qorti kienet fil-fatt hekk kompetenti, u dan ghax il-piena ghar-reat ipotizzat fl-ewwel kif ukoll fit-tieni imputazzjoni giet teccedi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 141, l-ghaxar snin prigunerija. L-Artikolu 141 mhux eccetwat taht l-Artikolu 370(2) – izda l-partijiet – prosekuzzjoni jew difiza – f'ebda stadju tal-proceduri penali ma qajjmu xi lment dwar dan il-punt ta' kompetenza.

kienu taw lok ghall-appell – bazikament x'kienu l-imputazzjonijiet li gew ammessi u l-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati, u li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ta avviz ta' appell – l-Avukat Generali kompla hekk:

**"Illi fil-21 ta' Lulju, 2004 l-esponent ircieva l-atti u hassu aggravat u qed jappella ai termini tal-artikolu** [recte: artikoli] **413(1)(c) u 413(i)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali billi l-ewwel Qorti imponiet piena ta' prigunerija ta' sentejn meta dan ma setghatx taghmlu f'dan il-kaz.**

**"Il-fatti in breve kienu li Noel Grech li kien ufficjal fit-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni kien jiffacilita` d-dhul f'Malta ta' tfajliet Russi ghal fini ta' prostituzzjoni. Illi infatti bejn Mejju u Gunju 2004 hu assista diversi nisa jidhlu Malta u addirittura hadhom fl-istabbiliment Ramla Lodge fejn dawn kienu jipprostitwixxu ruhhom. Illi hu ammetta l-akkuzi kontrih.**

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma setghatx timponi piena sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 stante li wahda mill-akkuzi u cioe` 2(a)[3] abbinata mal-akkuza 2(c)[4] u cioe` assocjazzjoni fi traffikar ta' persuni minn ufficjal pubbliku timporta piena minima ta' tlett snin prigunerija i.e. sentejn mizjuda bi grad skond l-Artikoli 248B u 114** [recte: 141] **tal-Kodici Kriminali. Illi ghalhekk kellha tinghata piena karcerarja effettiva, <u>kif, del visto</u>** [recte: resto]**<u>, kien jixraq f'kaz bhal dan ta' traffikar ta' nisa barranin ghan</u>** [recte: ghall-] **<u>fini ta' prostituzzjoni</u>.**

**"Ghaldaqstant l-esponent ghar-ragunijiet indikati u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrisultaw fit-trattazzjoni tal-appell, filwaqt li jinterponi appell mis-sentenza fl-ismijiet premessi tal-15 ta' Lulju, 2004 tal-**

---

[3] L-imputazzjoni ta' assocjazzjoni kontinwata fir-reat ta' traffikar ta' persuna ta' l-eta` bil-ghan li tigi sfruttata ghall-prostituzzjoni.

[4] Din ir-referenza, kif ser naraw, giet in segwitu korretta biex tiireferi tirreferi ghall-akkuza "2(e)", cioe` ghall-akkuza numru sitta rigwardanti l-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali.

**Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jitlob li din il-Qorti joghgobha tirriforma, tbiddel u tvarja l-istess sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta' htija fuq ammissjoni u tinfliggi l-piena skond il-ligi billi din tkun wahda karcerarja effettiva."** (sottolinear fit-tielet paragrafu ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali).

6. L-appell gie appuntat ghas-smigh ghal nhar il-Hamis 30 ta' Settembru 2004. Fuq talba ta' l-avukat ta' l-appellat peress li kien ser ikun imsiefer, l-appell gie differit ghall-14 ta' Ottubru 2004. F'din l-ahhar imsemmija udjenza gie registrat is-segwenti verbal – verbal li, ghandu jigi precizat, la l-appellat Grech u anqas l-appellanti odjerni ma huma qed jikkontestaw il-korrettezza tieghu:

**"Meta ssejjah l-appell deher l-appellant** [recte: appellat] **debitament assistit minn Dr Anglu Farrugia.**

**"Deher Dr Stephen Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni.**

**"Gietipprezentata l-fedina penali aggornata ta' l-appellant** [recte: appellat] **fuq ordni tal-Qorti.**

**"L-appell gie trattat.**

**"Dr Stephen Tonna Lowell in vista tal-linea li qed tiehu d-difiza jitlob li jikkonsulta ruhhu ma' l-avukat l-iehor tal-Avukat Generali li ffirma r-rikors kif ukoll li jinstemghu l-Ispetturi dwar l-allegazzjoni tad-difiza li l-appellant** [recte: appellat] **ta x-xhieda tieghu f'hames kawzi ohra.**

**"Il-kawza posposta biex jidher Dr Anthony Barbara u l-Ispetturi Aquilina u Mallia.**

**"Il-kawza posposta.**

**"Meta rega' ssejjah l-appell deher l-appellat assistit minn Dr Anglu Farrugia.**

**"Deher Dr Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni.**

**"Dr Anthony Barbara jitlob korrezzjoni fir-rikors ta' l-appell billi r-referenza ghall-akkuza 2 c li nkitbet bi zball tkun 2 e.**

**"Id-difiza topponi.**

**"Il-Qorti billi dan jidher car li jista' jkun kaz ta' 'lapsus calami' tilqa' t-talba u tordna l-korrezzjoni.**

**"Dr Anthony Barbara jirrinunzja <u>ghall-ewwel aggravju</u>.**

**"Dr Anthony Barbara jiddikjara <u>li t-tieni u issa l-uniku aggravju</u> huwa li l-piena li nghatat ma kienitx tixraq f'kaz bhal dan ta' nisa barranin u ghalhekk qed jissottometti li l-piena kellha tkun piena karcerarja effettiva.**

**"Dr Angtlu** [recte: Anglu] **Farrugia ghall-appellat jissottometti <u>li ma hemm ebda aggravju iehor fir-rikors</u> tant li l-istess Avukat Generali ghamilha cara fit-text tar-rikors indikat li kellu aggravju wiehed tant li ddeskriva l-aggravju uniku tieghu blli qal hekk 'llli l-aggravju hu car u manifest….114 tal-Kodici Kriminali', u l-istess rikorrent jenfasizza li ghandha tinghata piena karcerarja per konsegwenza tal-istess aggravju.**

**"Il-Qorti <u>semghet it-trattazzjoni</u> u tiddifferixxi l-kawza ghas-sentenza in difett** [ta'] **ostakolu ghat-28 ta' Ottubru 2004 fil-12.00 a.m."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

<u>**Is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali**</u>

7. Permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru 2004, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) laqghet l-appell ta' l-Avukat Generali u rriformat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) billi, filwaqt li kkonfermatha fejn iddikjarat u sabet lill-appellat Grech hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u minnu ammessi u fejn ikkundannatu ghal multa ta' mitejn lira, irrevokatha fejn ikkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin kif ukoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta'

interdizzjoni generali temporanja ta' hames snin u minflok ikkundannat lill-imsemmi Grech ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlett snin u ghal interdizzjoni generali perpetwa.

8. Fis-sentenza taghha il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fissret li kif kien redatt ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali kien hemm effettivament zewg aggravji – wiehed imsejjes fuq l-Artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali (cioe` meta *"il-piena moghtija mill-qorti inferjuri tkun, minhabba fix-xorta jew fil-kwantita` taghha, differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-parti misjuba hatja tkun inghatat is-sentenza"*) u iehor imsejjes fuq disposizzjoni ta' natura generali, cioe` l-Artikolu 413(1)(c) tal-imsemmi Kodici li jaghti dritt ta' appell kemm fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' dritt (u allura anke fuq il-*quantum* tal-piena, kwistjoni li tista' tkun sia wahda ta' fatt kif ukoll wahda ta' dritt, jew ta' fatt u dritt flimkien) meta l-imputazzjonijiet ikunu dwar reati li huma suggetti ghal piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija. Il-partijiet relevanti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghall-finijiet ta' din il-kawza kostituzzjonali huma s-segwenti:

**"Illi din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellat[5] li ghax l-appellant[6], fir-rikors tal-appell, uza l-kliem *'Illi l-aggravju hu car u manifest'* , dan jimplika li hu ghandu aggravju wiehed biss. Di fatti hu risaput li din id-dicitura hija dik li dejjem tintuza mill-appellanti quddiem din il-Qorti kemm meta l-aggravju jkun wiehed kif ukoll meta l-aggravju jkun duplici jew addirittura jikkonsisti f'aktar minn aggravju wiehed. Ghalhekk dan l-argument** [tal-appellat Noel Grech] **ma jreggix….Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali li l-kliem minnu adoperat fir-rikors ta' l-appell *'kif del visto (recte "del resto") kien jixraq f'kaz bhal dan ta' traffikar ta' nisa barranin ghan (recte "ghall") fini ta' prostituzzjoni"* huwa aggravju dwar il-piena b'mod generali, sija pure telegrafiku, u ghalhekk ma taqbilx ma' l-appellat li ma hemmx aggravju iehor oltre dak li gie rinunzjat. Ergo l-appell jibqa' jreggi**

[5] Noel Grech quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[6] L-Avukat Generali quddiem l-istess Qorti ta' l-Appell Krminali.

**anke wara r-rinunzja tal-ewwel aggravju da parti tal-Avukat Generali u <u>jiftah berah il-kamp kollu tal-piena ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti</u>….** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali).

9. Wara li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali regghet ezaminat il-minimu tal-piena ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, ghamlet xi osservazzjonijiet dwar il-piena li kellha tinghata b'applikazzjoni tad-disposizzjoni dwar il-konkors tar-reati u pieni (Art. 17(b) tal-Kap. 9), u innotat li l-Qorti tal-Magistrati ma kienet invokat b'ebda mod l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, dik il-Qorti kompliet hekk:

**"Oltre dan** [jigifieri dwar il-piena minima applikabbli] **l-Avukat Generali jissottometti li trattandosi ta' traffikar ta' nisa barranin ghall-fini ta' prostituzzjoni minn ufficjal tal-Pulizija li suppost impedixxa dar reat milli jsir jimmerita piena karcerarja effettiva. Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni u tara li dan hu reat serju li ghandu konsegwenzi serji fis-socjeta` kemm fih innifsu, kif ukoll ghax jimmina l-fiducja fl-ufficjali pubblici li suppost qed jithallsu biex iharsu lis-socjeta` minn din il-pjaga w anki ghax dak li jkun, ikun hafna drabi qed jiehu vantagg mill-kundizzjoni mizera tan-nisa koncernati, li jigu sfruttati minn haddiehor ghal skop ta' qligh. Il-Qorti jkollha imbghad bilfors tosserva li jekk il-piena ta' prigunerija tkun izjed minn sentejn, l-interdizzjoni generali applikabbli skond l-artikolu 119 tal-Kodici Kriminali ma tistax tkun wahda temporanja izda trid tkun wahda perpetwa."**

**<u>Il-proceduri quddiem il-Prim Awla</u>**

10. Noel Grech deherlu li b'din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq ossia ghal "fair hearing" – ara l-paragrafu numru 1 tas-sentenza odjerna. Fir-rikors promotur quddiem il-Prim Awla, migjub fis-17 ta' Dicembru 2004, Grech – illum appellat – baqa' jinsisti bazikament li kien hemm aggravju wiehed biss, li dan gie irtirat mill-Avukat Generali, u li konsegwentement ma kien hemm xejn aktar li kellha taghmel il-Qorti ta' l-Appell Kriminali hlief li tieqaf hemm u

tirrespingi l-appell jew tiddikjarah cedut. Il-qofol ta’ l-ilment “kostituzzjonali” tieghu hu, tista’ tghid migbur fis-segwenti paragrafu tar-rikors tieghu:

**“Illi minhabba l-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet l-appell tal-Avukat Generali ‘n kwistjoni gew miksura d-drittijiet fundamentali tal-esponent u dana peress li dik il-Qorti ddecidiet kontra tieghu fuq aggravju li fil-fatt gie irtirat u b’hekk inghatat decizjoni f’appell li kellu jieqaf hekk kif l-Avukat Generali rtira l-uniku aggravju li kellu. Illi kawza ta’ dan l-agir l-esponenti ccahditlu l-liberta` tieghu u gie sahansitra kkundannat piena ta’ habs.”**

11. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu tal-1 ta’ April 2005 quddiem il-Prim Awla (fol. 16), Grech kompla fisser li quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kulma gie trattat kien l-aggravju (fis-singular) marbut mal-kwistjoni ta’ minimu tal-piena applikabbli fir-rigward tar-reat ta’ assocjazzjoni fi traffikar ta’ persuni ta l-eta` ghall-fini ta’ prostotuzzjoni (it-tieni reat, ara paragrafu numru 2 tas-sentenza odjerna):

**“Illi sa hemm waslet,”** ighid Grech, **“it-trattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell [Kriminali] u kien hemm trattazzjoni fuq dan l-uniku aggravju li eventwalment gie irtirat mill-istess appellant Avukat Generali u sar il-verbal tal-esponenti <u>u ma sar xejn aktar</u> ghajr li inghatat is-sentenza wara din is-seduta unika dwar dan l-appell fit-28 ta’ Ottubru 2004 u l-Qorti *ex officio* akkoltat** [?akkoljiet?] **dak li allega l-Avukat Generali li kien hemm it-tieni aggravju u applikat piena karcerarja meta anke jekk hu l-kaz li *certament ma hux* <u>ma inghatat l-ebda smigh xieraq dwar dan is-suppost tieni aggravju</u>.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

12. Fir-risposta taghhom ghar-rikors promotur, l-intimati – issa appellanti quddiem din il-Qorti – issottomettew bazikament li dan kien kaz fejn Grech qed jipprova juza l-procedura “kostituzzjonali” bhala forma ta’ “tieni appell” ghar-raguni li ma ghogbitux id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Huma fissru li f’dan il-kaz ma kien hemm ebda nuqqas ta’ “smigh xieraq” ghax l-irtirar tal-aggravju

kien ampjament dibattut f'dawk il-proceduri, *"saru verbali miz-zewg partijiet u l-punt kien itrattat."* Huma sostnew li effettivament kien hemm zewg aggravji, u mhux wiehed, kif ampjament muri mill-fatt li saret referenza anke ghall-Artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9.

13. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha li qed tigi issa appellata – u li kopja taghha qed tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha – wara li, korrettement, osservat li l-appellant Avukat Generali, fir-rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kien semma' l-ewwel l-Artikolu 413(1)(c) u mbaghad wara l-Artikolu 413(1)(b)(iii), kif ukoll wara li qalet li Grech ma kienx korrett fis-sottomissjoni tieghu li galadarba l-Avukat Generali kien irrinunzja ghall-ewwel aggravju allura kien qed jirrinunzja ghall-aggravji kollha li kien hemm[7], kompliet hekk (u hawn qieghed il-qofol tad-decizjoni tal-Prim Awla):

**"Illi madanakollu, meta wiehed jaqra s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jintebah li dik il-Qorti stharrget il-kwistjoni ta' jekk kienx minnu jew le li kien ghad fadal aktar aggravji x'jitqiesu. Ma jistax, ghalhekk, jinghad li ma tatx widen ghal dan il-punt verbalizzat mid-difensur tal-appellat u baqghet ghaddejja daqslikieku ma sar l-ebda verbal. Izda mbaghad tohrog cirkostanza partikolari li jidher li tibdel ix-xejra tad-deliberazzjoni kollha li dik is-sentenza [8] tiehu. Din il-Qorti tinnota li l-Qorti tal-Appell Kriminali, meta stharrget iz-zewg aggravji ta' l-Avukat Generali, kienet kategorika biex tghid li appell taht l-artikolu 413(1)(b)(iii) ma seta' qatt jitressaq mill-Avukat Generali, imma seta jitressaq biss appell taht l-artikolu 413(1)(c). Minn hemm ghaddiet biex tistharreg l-appell fuq l-aggravju fil-meritu. Izda, kif inghad qabel, meta l-Avukat Generali iddikjara li huwa kien qieghed jirrinunzja ghall-ewwel aggravju, kien qieghed jirrinunzja ghall-aggravju taht l-artikolu**

[7] *"Fi kliem iehor, u salv kif sejjer jinghad aktar 'il quddiem, il-Qorti ma tistax taghti affidament ghall-argument tar-rikorrent fis-sens li meta l-appellant irrinunzja ghall-ewwel aggravju, kien qieghed jirrinunzja ghall-aggravji kollha li kien hemm…".*

[8] Tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**413(1)(c), ghaliex, kif rajna qabel, *dan kien l-ewwel aggravju imsemmi* fil-korp tar-rikors ta' appell. Jekk inhu hekk, allura wahdu johrog li t-tieni aggravju kien dak imsemmi skond l-artikolu 413(1)(b)(iii). Fi kliem iehor, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha timxi ma' dak li gie verbalizzat waqt is-smigh tal-14 ta' Ottubru, 2004, kien fadlilha biss l-aggravju taht l-artikolu 413(1)(b)(iii) x'tistharreg, sewwasew dak l-artikolu li hija qalet li l-Avukat Generali ma setax jappella tahtu. Minflok, ghal xi raguni li ma tohrogx mill-korp tas-sentenza taghha, <u>hija qalbet l-ordni tal-aggravji kif imsemmija fir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali</u>. Dan il-fatt, mad-daqqa t'ghajn, igib konflitt bejn dak li gie verbalizzat u dak li gie deliberat fis-sentenza impunjata …. Minn dak li jirrizulta minn dawn il-konsiderazzjonijiet, jidher li sehh zball li ma kienx fis-setgha tar-rikorrent Grech li jikkontrolla jew jirranga qabel ma nghatat is-sentenza impunjata, u wkoll li gabu fi zvantagg. Fuq kollox kien zball li ghalih ir-rikorrent garrab tgharriq fil-qaghda tieghu mill-piena li kien inghata mill-ewwel Qorti."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

14. Ghalhekk il-Prim Awla iddikjarat (1) li Grech kien garrab ksur tal-jedd tieghu ta' smigh xieraq bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u dan wara li l-Avukat Generali kien irtira wiehed mill-aggravji mressqin minnu fl-appell minnu interpost mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, (2) ordnat it-thassir tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u qieghdet lir-rikorrent fl-istat li kien meta nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Lulju, 2004, u (3) ikkundannat lill-intimati jhallsu l-ispejjez tal-kawza. B'rikors presentat l-ghada ta' din is-sentenza, cioe` fid-9 ta' Gunju 2005, Grech talab l-ezekuzzjoni immedjata tal-imsemmija sentenza; u l-Prim Awla, wara li rat l-Artikolu 267(b)[9] tal-Kap. 12, laqghet it-talba (ara d-digriet tad-9 ta' Gunju 2005).

<u>**Ir-rikors ta' appell odjern**</u>

[9] Mhux 267(6), kif erroneament indikat fil-kopja dattiloskritta tad-digriet.

15. L-intimati Avukat Generali, Registratur tal-Qrati u Kummissarju tal-Pulizija appellaw minn din is-sentenza b'rikors presentat fis-16 ta' Gunju 2005. B'rikors iehor presentat kontestwalment mar-rikors ta' appell, huma talbu li l-appell taghhom jinstema' bl-urgenza. Din il-Qorti akkordat it-talba ghall-urgenza.

16. L-aggravji tal-intimati appellanti huma erba': (**1**) li l-Prim Awla, flok ma agixxiet ta' Qorti f'sede kostituzzjonali, agixxiet bhala qorti tat-tieni appell ghall-proceduri kriminali, (**2**) li l-ewwel Qorti halltet it-tifsira tal-bazi tal-appell (*enabling provision*) mat-tifsira tal-kelma "aggravju" fir-rigward tal-Artikolu 413 tal-Kap. 9, (**3**) li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma wettqet l-ebda zball fl-interpretazzjoni taghha tar-rikors tal-appell u tal-verbali registrati quddiema, u (**4**) galadarba ma twettaq ebda zball mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u galadarba dan is-suppost zball kien l-unika raguni ghala l-Prim Awla irriteniet li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq, isegwi li l-ewwel Qorti ma setghetx tiddeciedi kif effettivament iddecidiet, u cioe` li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali ta' Grech ta' smigh xieraq. Id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2005, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Jibda biex jinghad li, kif tajjeb josservaw l-appellanti, u kif anke del resto rrimarkat il-Prim Awla fis-sentenza appellata, l-iskop tal-proceduri kostituzzjonali bhal dawk odjerni ma huwiex dak li jservi ta' tieni appell, ossia ta' appell mill-appell – b'mod li l-Prim Awla ssir "a court of third instance" u din il-Qorti Kostituzzjonali "a court of fourth instance" – izda huwa limitat ghall-accertament ta' dak allegat mir-rikorrent (Grech), li fil-kaz odjern hu li huwa ma nghatax "smigh xieraq" mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Mhux, ghalhekk, kwistjoni ta' jekk il-Qorti ta' l-Appell Kriminali applikatx tajjeb jew hazin il-ligi ghall-fatti li kellha quddiemha, jew ta' jekk interpretatx tajjeb jew hazin il-fatti li rrizultaw mill-provi. Dak li kellu jigi accertat kien

semplicement jekk, fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, r-rikorrent Grech (l-appellat f'din l-istanza) kienx inghata l-opportunita` li jqieghed il-kaz tieghu quddiem dik il-Qorti biex iwiegeb ghall-appell interpost mill-Avukat Generali mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Din, u din biss, hija l-kwistjoni kollha (ta' indoli kostituzzjonali) f'dan il-kaz.

18. Issa huwa veru illi kieku l-Avukat Generali, meta appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, wera ftit aktar bzulija u impenn fil-mod kif irrediga l-appell tieghu, il-kumplikazzjonijiet kollha li inqalghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u, in segwitu, f'dawn il-proceduri kostituzzjonali, kienu jigu evitati. Pero` altru li wiehed jitkellem dwar rikors ta' appell maghmul b'leggerezza li tirrazenta l-inkompetenza, u altru jitkellem dwar nuqqas ta' smigh xieraq tal-appellat Grech, jigifieri li Grech ma nghatax l-opportunita` li jwiegeb adegwatament ghar-rikors li gab kontra tieghu l-imsemmi Avukat Generali.

19. L-appell ta' l-Avukat Generali quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien jirrigwarda biss il-piena – l-Avukat Generali kien qed jikkontendi li l-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex timponi piena ta' prigunerija sospiza, u li "kellha tinghata piena karcerarja effettiva". Minn qari tal-verbal tal-14 ta' Ottubru 2004 hu evidenti li l-Avukat Generali irtira dik il-parti tal-aggravju (li huwa jsejhilha "l-ewwel aggravju") ibbazata fuq konsiderazzjoni purament ta' dritt u cioe` fuq x'kien il-minimu stabbilit bil-ligi, u zamm ferma dik il-parti tal-aggravju ibbazata fuq il-konsiderazzjoni generali ta jekk f'kaz "bhal dan ta' traffikar ta' nisa barranin [ghall-] fini ta' prostituzzjoni" il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati kienitx wahda idonea (ossia li "tixraq", biex wiehed juza l-kelma wzata fl-imsemmi verbal).

20. Kemm il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif ukoll il-Prim Awla kienu tal-fehma li, kuntrarjament ghal dak li kien qed isostni (u li ghadu jsostni) Grech, kien hemm effettivament zewg aggravji u mhux wiehed. U din il-Qorti wkoll taqbel ma' dan. Fil-prassi mhux biss tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali izda wkoll f'dik ta' kull qorti ta' appell f'dawn il-gzejjer, meta wiehed jigi biex jispecifika fir-rikors ta' appell

minn x'hiex qed jilmenta, komunement jirreferi ghal "aggravju" (fis-singular) pero` imbaghad jibda jispecifika u jissuddividi, b'mod li fir-realta` jkun hemm tnejn, tlieta jew aktar aggravji. Jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellat Grech quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma intebahx, jew ma intebahx mill-ewwel, li kien hemm zewg aggravji u mhux wiehed, dan zgur li ngib ghall-attenzjoni tieghu wara li l-Avukat Barbara ippuntwalizza dan il-fatt. Jidher, pero`, li Grech baqa' jinsisti li kien hemm aggravju wiehed. Kif tajjeb osservat il-Prim Awla fis-sentenza appellata (ara l-parti citata fil-paragrafu 13 tal-odjerna sentenza, l-ewwel sottolinear), ma hux il-kaz li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tatx widen ghal dak li kellu xi jghid Grech dwar dak sottomess mill-Avukat Barbara. L-avukat difensur ta' Grech, infatti, anke rregistra fil-verbal in-nuqqas ta' qbil tieghu dwar l-ezistenza tat-"tieni" aggravju. U wara li ghamel hekk, il-verbal ikompli jghid (ghat-tieni darba, ghax aktar qabel kien diga' nghad li "l-appell gie trattat) *"Il-Qorti semghet it-trattazzjoni"*. Issa, jekk Grech, jew l-avukat difensur tieghu, minflok ma ghamel, imqar jekk subordinatament u bla pregudizzju, sottomissjonijiet fil-meritu dwar dan it-tieni aggravju, ghazel li jibqa' jinsisti li ma kienx hemm dan it-tieni aggravju, ma jistax jilmenta li ma nghatax l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwaru – ma hemm ebda allegazzjoni li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'xi mod ostakolat jew impediet lill-imsemmi Grech milli hekk jitratta. Grech semplicement ried jibqa' jinsisti li kien hemm aggravju wiehed u li dan kien gie irtirat. Il-fatt li ma ttrattax fil-meritu dwar dan it-tieni aggravju (l-idoneita` ghall-kaz *de quo* ta' sentenza ta' prigunerija sospiza) jahti ghalih biss l-istess Grech – *imputet sibi.*

21. Il-Prim Awla, invece, irravvizat nuqqas ta' smigh xieraq fl-izball tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali meta din, dejjem skond il-Prim Awla, halltet jew invertiet l-"ewwel" ma' t-"tieni" aggravju (ara s-silta kkwotata fil-paragrafu 13, it-tieni sottolinear). Anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, kien hemm dan l-izball, dan, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ma jistax iwassal ghall-konkluzjoni li kien hemm nuqqas ta' smigh xieraq – daqs kemm ma jkunx hemm nuqqas ta' smigh xieraq jekk il-

qorti kellha tinterpreta hazin il-ligi jew il-fatti. Pero` fi kwalunkwe kaz u fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienx hemm dana l-izball ta' tahlit jew inversjoni kif ravvizat mill-Prim Awla. L-aggravji ta' l-Avukat Generali huma dawk specifikati fil-paragrafu tar-rikors ta' appell li jibda bil-kliem *"Illi l-aggravju hu car u manifest…"* (ara l-paragrafu 5 tas-sentenza odjerna), u ma johorgux minn dak il-paragrafu fejn hemm indikati d-disposizzjonijiet tal-ligi li "jawtorizzaw" l-appell. Infatti, r-referenza ghal dawn id-disposizzjonijiet setghet thalliet barra mir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, bla ma l-istess rikors ikun daqshekk b'xi mod monk. L-indikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet ma hiex mehtiega skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419[10] tal-Kodici Kriminali, ghalkemm il-prassi hi – prassi li ssib l-origini taghha fil-fatt li sa ftit zmien ilu l-Avukat Generali seta' jappella biss f'kazijiet specifici – li l-Avukat Generali jindika dawn id-disposizzjonijiet biex jevita li titqanqal xi pregudizzjali dwar l-appellabilita` o meno da parti tieghu tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. Fil-kaz in dizamina certament l-Avukat Generali kellu dritt ta' appell "generali" taht l-Artikolu 413(1)(c) tal-Kap. 9 ghas-semplici raguni li r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet migjuba kontra Grech kienu jezorbitaw mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Art. 370(1), Kap. 9), filwaqt li l-Artikolu 413(1)(b)(iii) kien kompletament irrelevanti w inapplikabbli.

22. Konsegwentement, l-apellanti odjerni ghandhom ragun meta jikkontendu li l-ewwel Qorti, cioe` l-Prim Awla, iddecidiet hazin meta rriteniet li l-appellat Grech kien sofra lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ta' smigh xieraq.

23. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-intimati, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-appellat Grech ikompli jiskonta s-sentenza ta' prigunerija kif moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-28 ta' Ottubru 2004 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spetturi R. Aquilina u A. Mallia) v. Noel Grech***; u ghal

---

[10] Art. 419(1): *"Ir-rikors, barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` (a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-ragunijiet ta' l-appell; (c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."*

dan il-fini, filwaqt li tirrevoka ghall-kull buon fini d-digriet tal-Prim Awla tad-9 ta' Gunju 2005, tordna r-riarrest tal-imsemmi intimat Noel Grech. Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti hi tal-fehma li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, meta bi ftit aktar attenzjoni u lungimiranza da parti ta' l-Avukat Generali (jew ahjar, tal-ufficjali minnu inkarigati) dan l-incident kollu seta jigi evitat, l-ispejjez, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jithallsu nofs mill-appellat Grech u n-nofs l-iehor mill-appellant Avukat Generali.

Deputat Registratur

gr

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni appellata moghtija fit-8 ta' Gunju 2005 qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------